Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0555(COD)

19.5.2026

EMENDI
1052 - 1345

Abbozz ta' rapport
Christian Ehler, Dan Nica
(PE784.506v01-00)

L-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża

Proposta għal regolament
(COM(2025)0555 – 2025/0555(COD))

Emenda 1052
Yvan Verougstraete, Grégory Allione, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (il-"***FEK***"), inkluż programm speċifiku dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fl-Artikolu 182(3) tat-TFUE u jistabbilixxi l-objettivi ***tal-FEK***, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom ta' appoġġ tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali appoġġ taħt attivitajiet trażversali u politiki speċifiċi appoġġati ***mill-FEK***.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew ***Strateġiku u*** għall-Kompetittività (il-"***FESK***"), inkluż programm speċifiku dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fl-Artikolu 182(3) tat-TFUE u jistabbilixxi l-objettivi ***tal-FESK***, il-baġit tiegħu għall-perjodu 2028-2034, il-forom ta' appoġġ tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali appoġġ taħt attivitajiet trażversali u politiki speċifiċi appoġġati ***mill-FESK***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda r-referenzi kollha fit-test kollu kif xieraq

Emenda 1053
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Tieqa ta' "***Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u*** Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u ***fil-Kapitolu*** IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);	(a) Tieqa ta' "***Infrastruttura tal-Enerġija,*** Dekarbonizzazzjoni Industrijali ***u Teknoloġija Nadifa u Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija***" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u ***l-Kapitolu*** IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);

Or. en

Emenda 1054
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Tieqa ta' "***Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u*** Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);	(a) Tieqa ta' "***Infrastruttura tal-Enerġija Pubblika,*** Dekarbonizzazzjoni Industrijali ***u Teknoloġiji Ekoloġiċi***" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);

Or. en

Emenda 1055
Massimiliano Salini, Letizia Moratti, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Tieqa ta' "***Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u*** Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti ***fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu*** IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);	(a) Tieqa ta' "***Infrastruttura tal-Enerġija,*** Dekarbonizzazzjoni Industrijali ***u Teknoloġija Nadifa u Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija***" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti ***fil-Kapitoli II u*** IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);

Or. en

Emenda 1056
Paulo Cunha, Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni	(a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni

Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);	Industrijali ***u tas-Sajd***" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);

Or. en

Emenda 1057
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);	(a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa***, Reżiljenza tal-Ilma*** u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);

Or. en

Emenda 1058
Carmen Crespo Díaz, Raúl de la Hoz Quintano

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);	(a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali ***u tas-Sajd***" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (a);

Or. es

Emenda 1059
Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)***, il-punt (a)***;	(a) Tieqa ta' "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IV, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2);

Or. en

Emenda 1060
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Tieqa ta' "Saħħa Pubblika u Mediċini" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu IVa, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b)

Or. en

Emenda 1061
Krzysztof Hetman, Alexander Bernhuber, Adam Jarubas, Norbert Lins, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Céline Imart, Paulo do Nascimento Cabral, Carmen Crespo Díaz, Herbert Dorfmann, Stefan Köhler, Daniel Buda, Maria Walsh

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija,	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija,

Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	Agrikoltura***, Produzzjoni tal-Ikel*** u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1062
Seán Kelly

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura***, Sigurtà tal-Ikel*** u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1063
Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura***, Sigurtà tal-Ikel*** u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1064
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt ***(b)***;	(b) Tieqa ta' "Saħħa ***Pubblika***, Bijoteknoloġija, Agrikoltura ***Sostenibbli*** u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt ***(c)***;

Or. en

Emenda 1065
Sigrid Friis, Martin Hojsík, Bart Groothuis, Morten Løkkegaard, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura***, ikel*** u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1066
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Cristina Maestre, Maria Grapini, Giorgio Gori, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" –	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura***, Ikel*** u Bijoekonomija" –

implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda żżid "ikel" ma' Saħħa, Agrikoltura, Bijoteknoloġija u Bijoekonomija sabiex tirrifletti bis-sħiħ l-importanza strateġika tal-ktajjen tal-valur agroalimentari fi ħdan il-Programm. Dan jiżgura li l-kontinwu kollu mill-produzzjoni primarja sal-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-ikel ikun kopert b'mod adegwat. L-emenda tippermetti lill-Programm jindirizza aħjar il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni bħas-sigurtà tal-ikel, ktajjen tal-provvista reżiljenti, u l-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli, filwaqt li tiżgura l-koerenza bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjetali reali.

Emenda 1067
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura***, Ikel*** u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1068
Katri Kulmuni, Emma Wiesner, Benoit Cassart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura ***u*** Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura ***&*** Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u

li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-finanzjament tal-Orizzont huwa importanti ħafna għall-agrikoltura u l-bijoekonomija, li huma industriji fejn l-UE għandha vantaġġi naturali. Dan il-finanzjament jgħin lil dawn is-setturi ewlenin u importanti biex jiżviluppaw, iżommu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom u jilqgħu l-isfidi ta' żminijietna, jiżguraw is-sigurtà tal-ikel u jissostitwixxu l-prodotti bbażati fuq il-fossili permezz ta' soluzzjonijiet tas-settur tal-bijoekonomija. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha tiġi appoġġata.

Emenda 1069
Nicola Procaccini, Carlo Fidanza, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura***, Ikel*** u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1070
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa**,** Bijoteknoloġija**,** ***Agrikoltura u Bijoekonomija***" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	(b) Tieqa ta' "Saħħa ***u*** Bijoteknoloġija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1071
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija***, Agrikoltura u Bijoekonomija***" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);	(b) Tieqa ta' "Saħħa, ***u*** Bijoteknoloġija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1072
Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3(2), il-punt (b)***;	(b) Tieqa ta' "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoekonomija" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3(3)***;

Or. en

Emenda 1073
Paulo Cunha

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ba) Tieqa ddedikata għall-agrikoltura skont il-Kapitolu V — APPOĠĠ GĦAS-SAĦĦA, IL-BIJOTEKNOLOĠIJA, L-AGRIKOLTURA U L-BIJOEKONOMIJA — biex tiġi żgurata l-komplementarjetà mal-PAK fl-appoġġ tal-investiment fl-innovazzjoni u l-infrastruttura. Din it-tieqa, fil-qafas tal-ippjanar finanzjarju, għandha tistabbilixxi ammont indikattiv.

Or. en

Emenda 1074
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Tieqa ta' "Agrikoltura, Ikel u Bijoekonomija" — implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1075
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Tieqa ta' "Agrikoltura, Ikel u Bijoekonomija" — implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu V, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (b);

Or. en

Emenda 1076
Christophe Clergeau, Victor Negrescu, Nikos Papandreou, Kristian Vigenin, Thomas Pellerin-Carlin, Vytenis Povilas Andriukaitis, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Tieqa ta' "Saħħa Pubblika" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu Va, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (ba);

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-politika tas-saħħa ssegwi objettivi distinti mill-politika industrijali u tal-kompetittività, inkluż livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni. Sabiex jiġu żgurati l-koerenza tal-politika, iċ-ċarezza legali, it-trasparenza baġitarja u l-insegwiment effettiv tal-objettivi tas-saħħa pubblika, l-appoġġ għall-azzjonijiet tas-Saħħa jenħtieġ li jiġi implimentat permezz ta' tieqa ta' politika separata u arkitettura finanzjarja korrispondenti.

Emenda 1077
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Tieqa ta' "***Tmexxija*** Diġitali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VI, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt ***(c)***;	(c) Tieqa ta' "***Infrastruttura*** Diġitali ***Pubblika u Żvilupp Teknoloġiku***" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VI, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt ***(d)***;

Or. en

Emenda 1078
Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Tieqa ta' "Tmexxija Diġitali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VI, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3(2), il-punt (c)***;	(c) Tieqa ta' "Tmexxija Diġitali" – implimentata permezz tal-attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VI, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3(4)***;

Or. en

Emenda 1079
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Tieqa ta' "Reżiljenza ***u Sigurtà, Industrija tad-Difiża,*** u Spazju" – implimentata permezz ta' attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VII, inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fil-paragrafu 1, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt ***(d)***.	(d) Tieqa ta' "Reżiljenza u Spazju" – implimentata permezz ta' attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VII, inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fil-paragrafu 1, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt ***(e)***.

Or. en

Emenda 1080
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Tieqa ta' "***Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża, u Spazju***" – implimentata permezz ta' attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VII,	(d) Tieqa ta' "***Soċjetà Reżiljenti, Sikura u Sigura***" – implimentata permezz ta' attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VII, inkluż il-programm speċifiku

inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fil-paragrafu 1, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).	għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fil-paragrafu 1, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2), il-punt (d).

Or. en

Emenda 1081
Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Tieqa ta' "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża, u Spazju" – implimentata permezz ta' attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VII, inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fil-paragrafu 1, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3(2), il-punt (d)***.	(d) Tieqa ta' "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża, u Spazju" – implimentata permezz ta' attivitajiet stabbiliti fil-Kapitolu II u fil-Kapitolu VII, inkluż il-programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fid-difiża msemmi fil-paragrafu 1, u li tikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu ***3(5)***.

Or. en

Emenda 1082
Elisabetta Gualmini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Tieqa ta' "Innovazzjoni Urbana" li tikkontribwixxi għall-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3(2), il-punt (e)

Or. en

Emenda 1083
Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali li għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà tal-provvista, li jneħħi l-ostakli għall-investiment u l-konġestjonijiet fil-produzzjoni u li jappoġġa l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Integrati fl-għanijiet fl-Artikolu 3

Emenda 1084
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali ***li għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà*** tal-provvista***, li jneħħi*** l-ostakli għall-investiment u l-konġestjonijiet fil-produzzjoni ***u li jappoġġa*** l-kompetittività ***tal-bażi industrijali*** tal-Unjoni.	3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali ***għall-koordinazzjoni mill-qrib fil-livell tal-Unjoni biex jiġu identifikati setturi, teknoloġiji u ktajjen tal-valur strateġiċi tal-aktar valur miżjud komuni sinifikanti tal-Unjoni sabiex tingħata prijorità lill-appoġġ tas-sigurtà*** tal-provvista ***tagħhom, jitneħħew*** l-ostakli għall-investiment u l-konġestjonijiet fil-produzzjoni***, u b'hekk tiġi appoġġata*** l-kompetittività tal-Unjoni. ***Dan il-qafas legali għandu jikkomplementa l-mekkaniżmi eżistenti stabbiliti skont liġijiet oħra tal-Unjoni għal xi setturi u ktajjen tal-valur, u għandu jiġi implimentat f'konformità mal-objettivi, il-miri u l-parametri referenzjarji tal-Unjoni minquxa fil-liġijiet tal-UE.***

Or. en

Emenda 1085
András Gyürk, Jorge Martín Frías

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali li għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà tal-provvista, li jneħħi l-ostakli għall-investiment ***u l-konġestjonijiet*** fil-produzzjoni u li jappoġġa l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni.	3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali li għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà tal-provvista, li jneħħi l-ostakli għall-investiment***, il-konġestjonijiet*** fil-produzzjoni ***u d-diskrepanzi fil-ħiliet,*** u li jappoġġa l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni***, filwaqt li jiżgura aċċess bilanċjat u ġust għall-finanzjament madwar l-Istati Membri kollha***.

Or. en

Emenda 1086
Barry Andrews, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali li għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà tal-provvista, li jneħħi l-ostakli għall-investiment u l-konġestjonijiet fil-produzzjoni u li jappoġġa l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni.	3. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll qafas legali li għandu l-għan li jiżgura s-sigurtà ***u d-diversifikazzjoni*** tal-provvista, li jneħħi l-ostakli għall-investiment u l-konġestjonijiet fil-produzzjoni u li jappoġġa l-kompetittività tal-bażi industrijali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1087
Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "kompetittività" tfisser il-kapaċità tal-kumpaniji Ewropej li jikkompetu b'suċċess fis-swieq globali, li tirrikjedi kundizzjonijiet ekwi għall-industrija Ewropea meta mqabbla mal-kompetituri globali f'termini tal-kost tan-negozju, inkluż billi jsir aktar faċli li jsir investiment, jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija, jiġu appoġġati soluzzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija, tissaħħaħ il-produttività, tingħata spinta lill-kapaċità innovattiva u jiżdiedu l-investimenti pubbliċi fit-tul, u li tirrikjedi forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, li jenħtieġ li twassal għal impjiegi ta' kwalità u għal tkabbir sostenibbli madwar l-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 1088
Massimiliano Salini, Letizia Moratti, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "kompetittività" tfisser il-kapaċità tal-kumpaniji Ewropej li jikkompetu b'suċċess fis-swieq globali, li tirrikjedi kundizzjonijiet ekwi għall-industrija Ewropea meta mqabbla mal-kompetituri globali f'termini tal-kost tan-negozju, inkluż billi jsir aktar faċli li jsir investiment, jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija, jiġu appoġġati soluzzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija, tissaħħaħ il-produttività, tingħata spinta lill-kapaċità innovattiva u jiżdiedu l-investimenti pubbliċi fit-tul, u li tirrikjedi forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, li jenħtieġ li twassal għal impjiegi ta' kwalità u għal tkabbir sostenibbli madwar l-Unjoni

kollha;

Or. en

Emenda 1089
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Grégory Allione, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) "bijoteknoloġija" tfisser l-applikazzjoni tax-xjenza u t-teknoloġija għall-organiżmi ħajjin, kif ukoll għal partijiet, prodotti u mudelli tagħhom, biex jinbidlu materjali ħajjin jew mhux ħajjin għall-produzzjoni ta' għarfien, oġġetti u servizzi;

Or. en

Emenda 1090
Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) "kompetittività" tfisser il-kapaċità tal-kumpaniji Ewropej li jikkompetu b'suċċess fis-swieq globali, li tirrikjedi kundizzjonijiet ekwi għall-industrija Ewropea meta mqabbla mal-kompetituri globali f'termini tal-kost tan-negozju, inkluż billi jsir aktar faċli li jsir investiment, jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija, jiġu appoġġati soluzzjonijiet tal-effiċjenza fl-enerġija, tissaħħaħ il-produttività, tingħata spinta lill-kapaċità innovattiva u jiżdiedu l-investimenti pubbliċi fit-tul, u li tirrikjedi forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, li jenħtieġ li twassal għal impjiegi ta' kwalità u għal

tkabbir sostenibbli madwar l-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 1091
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "Awtorità tad-disinn" tfisser il-kapaċità li entità eliġibbli tiddeċiedi, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati, dwar id-definizzjoni, l-adattament, l-integrazzjoni, il-produzzjoni, il-manifattura, u l-evoluzzjoni tal-prodott, abbażi tas-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-ħakma tat-teknoloġiji, kif ukoll il-ħiliet u l-għarfien espert meħtieġa. Din il-kapaċità tinkludi l-awtorità legali li tissostitwixxi jew tneħħi komponenti soġġetti għal restrizzjoni imposta minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati b'komponenti alternattivi mingħajr restrizzjoni li joriġinaw fl-UE.

Or. en

Emenda 1092
Nicolás González Casares, Mohammed Chahim, Elena Sancho Murillo, Lina Gálvez, Yannis Maniatis, Thomas Pellerin-Carlin, Annalisa Corrado, Bruno Tobback, Niels Fuglsang

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "Kompetittività" tfisser il-kapaċità tal-Unjoni li żżid il-produttività tagħha, li

trawwem l-innovazzjoni, li tirrispetta l-impjieg, l-ekwità soċjali u l-istandards tal-għajxien għolja; li tikkompeti b'suċċess fis-swieq globali, li ssaħħaħ l-awtonomija strateġika u l-indipendenza tagħha u li tiżgura r-reżiljenza tal-ekonomija tagħha kontra r-riskji għas-sigurtà, ġeopolitiċi, klimatiċi u ambjentali jew kwalunkwe xokk sistemiku ieħor, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi u f'allinjament sħiħ mat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1093
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "prodotti tad-difiża" tfisser kwalunkwe prodott relatat mad-difiża kif imsemmi fl-Anness għad-Direttiva 2009/43/KE, inkluż, meta xieraq, il-komponenti u l-materja prima korrispondenti tagħhom sa fejn ikunu maħsuba jew użati kompletament għall-produzzjoni ta' prodotti tad-difiża, kif ukoll xogħlijiet, provvisti u servizzi relatati direttament ma' dawk il-prodotti għal kwalunkwe u kull element taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (c), tad-Direttiva 2009/81/KE.

Or. en

Emenda 1094
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "awtorità tat-tfassil" tfisser il-ħila li jiġi deċiż, mingħajr restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati, dwar id-definizzjoni, l-adattament u l-evoluzzjoni tad-disinn tal-prodott tad-difiża, inkluża l-awtorità legali li jiġu sostitwiti jew jitneħħew komponenti li huma soġġetti għal restrizzjonijiet imposti minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati.

Or. ro

Emenda 1095
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Klara Dostalova, Vilis Krištopans, Afroditi Latinopoulou, Anna Bryłka, Jorge Buxadé Villalba, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) "Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea" tfisser il-valutazzjoni komparattiva annwali tal-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Istati Membri ppubblikata mill-Kummissjoni, ibbażata fuq l-aħħar data statistika armonizzata magħmula disponibbli għall-pubbliku mill-Eurostat u, fejn rilevanti, sorsi ta' data uffiċjali oħra tal-Unjoni, u li tikklassifika l-Istati Membri b'referenza għall-medja tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1096
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) "komunitajiet tal-enerġija" tfisser komunità tal-enerġija taċ-ċittadin kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (11), tad-Direttiva (UE) 2019/944 u "komunità tal-enerġija rinnovabbli" tfisser komunità tal-enerġija rinnovabbli kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (16), tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

Or. en

Emenda 1097
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) "entitajiet tal-ekonomija soċjali" tfisser entitajiet privati, indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi, li jipprovdu oġġetti u servizzi lill-membri tagħhom jew lis-soċjetà inġenerali u li joperaw f'konformità mal-prinċipji tal-ekonomija soċjali, b'mod partikolari s-supremazija tal-persuni u l-għan soċjali u/jew ambjentali fuq il-profitt, l-investiment mill-ġdid tal-maġġoranza tal-profitti u s-surpluses fl-insegwiment ta' objettivi ta' interess kollettiv jew ġenerali, u l-governanza demokratika u/jew parteċipattiva. Tali entitajiet jinkludu kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju mutwu, assoċjazzjonijiet, inklużi organizzazzjonijiet tal-karità, fondazzjonijiet, intraprizi soċjali u forom legali oħra rikonoxxuti fil-livell tal-Istati Membru li jikkonformaw ma' dawn il-prinċipji;

Or. en

Emenda 1098

Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4d) "rinnovazzjoni tal-bini" tfisser "rinnovazzjoni tal-bini" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (13), tar-Regolament 2023/955;

Or. en

Emenda 1099
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4e) "unitajiet domestiċi vulnerabbli" tfisser unitajiet domestiċi vulnerabbli kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt 10, tar-Regolament 2023/955;

Or. en

Emenda 1100
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4f) "mikrointrapriżi vulnerabbli" tfisser mikrointrapriżi kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt 11, tar-Regolament 2023/955;

Or. en

Emenda 1101
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4g) "utenti tat-trasport vulnerabbli" tfisser "utenti tat-trasport vulnerabbli" kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt 12, tar-Regolament 2023/955;

Or. en

Emenda 1102
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "Struttura maniġerjali eżekuttiva" tfisser il-korp ta' entità legali maħtur f'konformità mal-liġi nazzjonali, u li, fejn applikabbli, jirrapporta lill-uffiċjal kap eżekuttiv jew lil kwalunkwe persuna oħra li jkollha setgħa deċiżjonali komparabbli, u li jkollu s-setgħa li jistabbilixxi l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità legali, u jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali;	(5) "Struttura maniġerjali eżekuttiva" tfisser il-korp ta' entità legali maħtur f'konformità mal-liġi nazzjonali, u li, fejn applikabbli, jirrapporta lill-uffiċjal kap eżekuttiv jew lil kwalunkwe persuna oħra li jkollha setgħa deċiżjonali komparabbli, u li jkollu s-setgħa li jistabbilixxi l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità legali, u ***li*** jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali ***tal-entità legali***;

Or. en

Emenda 1103
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "Struttura maniġerjali eżekuttiva"	***5.*** "Struttura maniġerjali eżekuttiva"

tfisser il-korp ta’ entità legali maħtur f’konformità mal-liġi nazzjonali, u li, fejn applikabbli, jirrapporta lill-uffiċjal kap eżekuttiv jew lil kwalunkwe persuna oħra li jkollha setgħa deċiżjonali komparabbli, u li jkollu s-setgħa li jistabbilixxi l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità legali, u jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta’ deċiżjonijiet maniġerjali;	tfisser il-korp ta’ entità legali ***fl-UE*** maħtur f’konformità mal-liġi nazzjonali, u li, fejn applikabbli, jirrapporta lill-uffiċjal kap eżekuttiv jew lil kwalunkwe persuna oħra li jkollha setgħa deċiżjonali komparabbli, u li jkollu s-setgħa li jistabbilixxi l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità legali, u jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta’ deċiżjonijiet maniġerjali;

Or. ro

Emenda 1104
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) “Kompetittività Ewropea” tfisser il-kapaċità industrijali, umana u finanzjarja tal-Unjoni biex tiġġenera prosperità sostenibbli fit-tul billi tiżviluppa, timmanifattura u timplimenta teknoloġiji u soluzzjonijiet strateġiċi li: (a) jiżguraw is-sovranità u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni; (b) itejbu l-produttività u r-reżiljenza strateġika fil-konfini planetarji, b’mod partikolari billi jimmassimizzaw l-effiċjenza tar-riżorsi, l-irkupru u r-riċiklaġġ tal-materjal; (c) jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-enerġija u ambjentali tal-Unjoni inkluża t-tranżizzjoni għan-newtralità klimatika l-aktar tard sal-2050; (d) jikkontribwixxu għall-objettivi soċjali tal-Unjoni definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; filwaqt li tikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 1105

Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) "l-effiċjenza finanzjarja tiġi l-ewwel" tfisser l-għażla ta' metodu, għal kull intervent, l-inqas forma distortiva u l-aktar kosteffettiva ta' appoġġ tal-Unjoni li kapaċi tilħaq l-objettiv ta' politika, billi tiġi applikata ordni ta' mertu tal-istrument li fiha l-akkwist, il-garanziji, is-self, l-ekwità jew il-kważi ekwità u appoġġ ieħor ripagabbli jingħataw prijorità fejn fattibbli, u l-għotjiet jintużaw primarjament meta l-azzjoni ma tkunx bankabbli, twassal ġid pubbliku, jew tindirizza l-innovazzjoni fi stadju bikri b'effetti konsegwenzjali għoljin.

Or. en

Emenda 1106
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "start-up innovattiv" u "scale-up innovattiv" ifissru entitajiet kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2026) 1800 final tat-18 ta' Marzu 2026;

Or. en

Emenda 1107
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "Interess pubbliku imperattiv" tfisser, għall-finijiet tal-Artikolu 20, raġuni prevalenti biex jiġi pprovdut appoġġ tal-Unjoni għal ċerta azzjoni, jew sett ta' azzjonijiet, minħabba kontribuzzjoni ċara u sinifikanti għall-kisba tal-objettivi ta' politika skont il-FEK, li tiġġustifika l-applikazzjoni ta' regoli aċċellerati u simplifikati għall-għoti;	(8) "Interess pubbliku imperattiv" tfisser, għall-finijiet tal-Artikolu 20, ***il-kunsiderazzjonijiet debitament iġġustifikati u sodi li jwasslu għall-kunsiderazzjoni tal-eżistenza ta'*** raġuni prevalenti biex jiġi pprovdut appoġġ tal-Unjoni għal ċerta azzjoni, jew sett ta' azzjonijiet, minħabba kontribuzzjoni ċara u sinifikanti għall-kisba tal-objettivi ta' politika skont il-FEK, li tiġġustifika l-applikazzjoni ta' regoli aċċellerati u simplifikati għall-għoti;

Or. en

Emenda 1108
Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "Perkors tal-investiment" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta' riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta' espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għadux rilevanti b'emendi għal partijiet oħra tat-test

Emenda 1109
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "***Perkors tal-investiment***" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina ***kollha*** tal-iżvilupp ***tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta' riċerka*** fundamentali u applikata, ***bi progress mill-istadji ta' espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura*** fuq skala sħiħa ***u l-maturità industrijali*** u l-internazzjonalizzazzjoni;	(11) "***Vjaġġ ta' investiment***" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina tal-iżvilupp ***kollha tagħha, mir-riċerka*** fundamentali u applikata, ***sal-iżvilupp tat-teknoloġija, l-espansjoni u l-varar, sal-adozzjoni*** fuq skala sħiħa***,*** u l-internazzjonalizzazzjoni;

Or. en

Emenda 1110
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "Perkors tal-investiment" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-	(11) "Perkors tal-investiment" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ***, li jkopri t-teknoloġiji kollha ddefiniti bħala żero-***

fażijiet ta’ riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta’ espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;	***netti fir-Regolament (UE) 2024/1735 (Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti)*** jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta’ riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta’ espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-kjarifika tiżgura ċ-ċertezza legali li l-attivitajiet ta’ riċerka applikata relatati mat-teknoloġiji kollha b’emissjonijiet żero netti (bħall-enerġija nukleari u t-teknoloġiji taċ-ċiklu tal-fjuwil) huma eliġibbli għall-appoġġ tal-Unjoni, flimkien ma’ stadji sussegwenti ta’ żvilupp u varar.

Emenda 1111
Matej Tonin, Davor Ivo Stier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) “Perkors tal-investiment” tfisser il-proċess kontinwu ta’ appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta’ appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta’ attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta’ riżorsi finanzjarji u l-għoti ta’ appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta’ riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta’ espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;	(11) “Perkors tal-investiment” tfisser il-proċess kontinwu ta’ appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta’ appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta’ attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta’ riżorsi finanzjarji u l-għoti ta’ appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ***, li jkopri t-teknoloġiji kollha ddefiniti bħala żero-netti fir-Regolament (UE) 2024/1735 (Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti)*** jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta’ riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta’ espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;

Or. en

Emenda 1112
Laura Ballarín Cereza

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "Perkors tal-investiment" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta' riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta' espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;	(11) "Perkors tal-investiment" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politika pprovduti lir-riċevituri ***bħala entità unika jew grupp ta' entitajiet li jikkollaboraw*** tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta' riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta' espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tiffoka wisq fuq il-vjaġġ ta' investiment ta' kumpaniji uniċi, filwaqt li l-vjaġġ mill-idea, permezz tar-riċerka u l-iżvilupp u l-ħolqien ta' prototipi sal-introduzzjoni fis-suq u l-espansjoni spiss ikun vjaġġ li jinvolvi gruppi ta' kumpaniji li jikkollaboraw fi stadji differenti ta' dan il-vjaġġ.

Emenda 1113
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "Perkors tal-investiment" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ	***11.*** "Perkors tal-investiment" tfisser il-proċess kontinwu ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u privat u mekkaniżmi ta' appoġġ

għall-politika pprovduti lir-riċevituri tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta' riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta' espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;	għall-politika pprovduti lir-riċevituri ***fl-UE*** tul il-katina kollha tal-iżvilupp tiegħu, inkluża serje komprensiva ta' attivitajiet involuti fl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u l-għoti ta' appoġġ biex jitrawmu l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. Dan il-vjaġġ jinkludi, iżda ma huwiex limitat għall-bidu mill-fażijiet ta' riċerka fundamentali u applikata, bi progress mill-istadji ta' espansjoni, l-implimentazzjoni industrijali, u javvanza għall-kulminazzjoni fil-manifattura fuq skala sħiħa u l-maturità industrijali u l-internazzjonalizzazzjoni;

Or. ro

Emenda 1114
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "Entitajiet ġuridiċi" tfisser persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali, inklużi strutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAP***, European Armament Programme***), stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) ***[XXX][32]tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [EDIP]***, li għandha ***l-personalità*** ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità ***legali*** li ma għandhiex personalità ġuridika***,*** kif imsemmi fl-Artikolu 200(2), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju;	(13) "Entitajiet ġuridiċi" tfisser persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont id-dritt tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali, inklużi Strutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAP***), stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC***), ***stabbilit f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 u Konsorzju għal Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)*** stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) ***2022/2481***, li għandha ***personalità*** ġuridika u l-kapaċità li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 200(2), il-punt (c), tar-Regolament Finanzjarju;

[32] ĠU L.., p

Or. en

Emenda 1115
Yvan Verougstraete, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) "Siġill tal-Kompetittività" tfisser tikketta tal-kwalità mogħtija lil proposta sottomessa għal sejħa għal proposti li tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-kwalità stabbiliti fil-proċedura tal-għoti iżda li tista' tirċievi appoġġ minn sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni jew nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux meħtieġ peress li huwa kopert mill-artikolu tiegħu stess

Emenda 1116
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) "Siġill tal-Kompetittività" tfisser tikketta tal-kwalità mogħtija lil proposta sottomessa għal sejħa għal proposti li tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-kwalità stabbiliti fil-proċedura tal-għoti iżda li tista' tirċievi appoġġ minn sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni jew nazzjonali;	***17.*** "Siġill tal-Kompetittività" tfisser tikketta tal-kwalità ***Ewropea*** mogħtija lil proposta sottomessa għal sejħa għal proposti li tissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-kwalità stabbiliti fil-proċedura tal-għoti iżda li tista' tirċievi appoġġ minn sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni jew nazzjonali;

Or. ro

Emenda 1117
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) "ekonomija soċjali" tfisser sett ta' entitajiet tal-liġi privata li jipprovdu oġġetti u servizzi lill-membri tagħhom jew lis-soċjetà, li jinkludu forom organizzattivi bħal kooperattivi, soċjetajiet mutwi, assoċjazzjonijiet (inkluż organizzazzjonijiet tal-karità), fondazzjonijiet jew intrapriżi soċjali, kif ukoll forom legali oħra, li joperaw f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi ewlenin li ġejjin:
	(i) in-nies u l-għan soċjali jew ambjentali jiġu qabel il-profitt;
	(ii) l-investiment mill-ġdid tal-profitti kollha jew tal-biċċa l-kbira tagħhom u tas-surpluses biex ikomplu jsegwu l-għanijiet soċjali jew ambjentali tagħhom u jwettqu attivitajiet fl-interess tal-membri/tal-utenti tagħhom ("interess kollettiv") jew tas-soċjetà inġenerali ("interess ġenerali");u
	(iii) il-governanza demokratika jew parteċipattiva.

Or. en

Emenda 1118
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) "***Kumpanija żgħira*** b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser ***entità kif iddefinita fir-rakkomandazzjoni*** tal-	(18) "***Intrapriżi żgħar*** b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser ***intrapriżi li mhumiex intrapriżi mikro,***

Kummissjoni ***2025/3500 finali;***	***żgħar u ta' daqs medju, li jimpjegaw inqas minn 1 000 persuna, u li jew għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 200 miljun jew għandhom karta tal-bilanċ totali li ma taqbiżx il-EUR 172 miljun, b'dawk in-numri u l-ammonti jiġu kkalkulati f'konformità mal-punti (1) u (3)–(6) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni*** tal-Kummissjoni ***2025/1099 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex id-definizzjoni tiġi allinjata mal-pożizzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill dwar il-proposta Omnibus dwar kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.

Emenda 1119
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Grégory Allione, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) "start-up" hija intrapriża li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin: (a) tkun intrapriża awtonoma skont it-tifsira tal-punt 5.1. tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2026) 1800 final; (b) timpjega inqas minn 100 persuna u l-fatturat annwali tagħha jew it-total tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha, jew it-tnejn li huma, ma jaqbżux l-EUR 10 miljun; (c) tkun ilha topera għal inqas minn 10 snin wara r-reġistrazzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 1120
Yvan Verougstraete, Stine Bosse, Grégory Allione, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19b) "scale-up" hija intrapriża li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin: (a) tkun intrapriża awtonoma skont it-tifsira tal-punt 5.1. tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2026) 1800 final; (c) il-fatturat annwali tagħha jew it-total tal-karta tal-bilanċ annwali tagħha, jew it-tnejn li huma, jaqbżu l-EUR 10 miljun; (d) iż-żieda annwali medja tagħha fl-għadd ta' impjegati jew fid-dħul taqbeż l-20 % matul is-sentejn preċedenti; (e) tissodisfa mill-inqas wieħed miż-żewġ kriterji li ġejjin: (i) timpjega inqas minn 750 persuna; (ii) ma tkunx ikkwotata pubblikament;

Or. en

Emenda 1121
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Stine Bosse, Grégory Allione, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Barry Andrews, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "Partijiet ikkonċernati" tfisser individwi, gruppi, jew organizzazzjonijiet li huma affettwati minn u li jistgħu jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-programm;	(20) "Partijiet ikkonċernati" tfisser individwi, gruppi, jew organizzazzjonijiet li huma affettwati minn u li jistgħu jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-programm***, inklużi sħab soċjali, organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-esperti fl-industrija, fir-riċerka u fl-innovazzjoni***;

Or. en

Emenda 1122
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) "Partijiet ikkonċernati" tfisser individwi, gruppi***, jew*** organizzazzjonijiet ***li huma affettwati minn u li jistgħu jkunu involuti*** fl-implimentazzjoni tal-programm;	(20) "Partijiet ikkonċernati" tfisser individwi, gruppi ***u*** organizzazzjonijiet***, inkluż mis-soċjetà ċivili, li jista' jkollhom interess leġittimu*** fl-implimentazzjoni tal-programm ***u għandhom jiġu kkonsultati matul l-implimentazzjoni tal-programm, inkluż fl-istadju tat-tfassil tal-programmazzjoni***;

Or. en

Emenda 1123
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) "Teknoloġiji strateġiċi" tfisser it-teknoloġiji ewlenin strumentali għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali kif ukoll għall-applikazzjonijiet tad-difiża u ajruspazjali, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(30) tal-Att dwar il-Materja Prima Kritika;

Or. en

Emenda 1124
Bruno Tobback, Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "Infrastruttura" tfisser l-elementi	(21) "Infrastruttura" tfisser l-elementi

fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ekonomiċi, inklużi networks, grilji ***u*** assi, kif ukoll assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;	fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ekonomiċi, inklużi networks, grilji***,*** assi, ***software li jtejjeb il-flessibbiltà u l-grilja, u soluzzjonijiet oħra mingħajr fili, u*** kif ukoll assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, ***soluzzjonijiet ta' flessibbiltà,*** id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;

Or. en

Emenda 1125
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Stine Bosse, Grégory Allione, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "Infrastruttura" tfisser l-elementi fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ekonomiċi, inklużi networks, grilji u assi, ***kif ukoll*** assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;	(21) "Infrastruttura" tfisser l-elementi fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ekonomiċi, inklużi networks, grilji u assi, ***u l-għodod ta' bbilanċjar, pipelines u*** assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, ***il-flessibbiltà,*** id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;

Or. en

Emenda 1126
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "Infrastruttura" tfisser l-elementi fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet	(21) "Infrastruttura" tfisser l-elementi fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet

ekonomiċi, inklużi networks, grilji u assi, kif ukoll assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;	ekonomiċi, inklużi networks, grilji u assi, kif ukoll assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ***id-defossilizzazzjoni,*** ir-reżiljenza, l-effiċjenza***, il-flessibbiltà***, id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;

Or. en

Emenda 1127
Paulo Cunha, Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) "Infrastruttura" tfisser l-elementi fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ekonomiċi, inklużi networks, grilji u assi, kif ukoll assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;	(21) "Infrastruttura" tfisser l-elementi fiżiċi u virtwali kollha meħtieġa għall-forniment ta' servizzi u attivitajiet ekonomiċi, inklużi ***l-ġestjoni tal-ilma,*** networks, grilji u assi, kif ukoll assi tal-mobbiltà marbuta mal-infrastruttura, it-trawwim tad-dekarbonizzazzjoni, ir-reżiljenza, l-effiċjenza, id-diġitalizzazzjoni, u l-interoperabbiltà;

Or. en

Emenda 1128
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) "Riżultati" tfisser kwalunkwe effett tanġibbli jew intanġibbli tal-azzjoni skont il-Fond, bħal data, għarfien espert jew informazzjoni, irrispettivament mill-forma jew natura tagħhom u minn jekk jistgħux jitħarsu jew le, kif ukoll kwalunkwe dritt marbut magħhom, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

Or. ro

Emenda 1129
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) "Rapport speċjali" tfisser kisba tanġibbli speċifika ta' azzjoni ta' riċerka li tiġbor fil-qosor ir-riżultati tagħha, tagħti informazzjoni dettaljata fuq il-prinċipji bażiċi, l-għanijiet, l-eżiti, il-proprjetajiet bażiċi, it-testijiet imwettqa, il-benefiċċji potenzjali, l-applikazzjonijiet potenzjali u l-mogħdija rakkomandata tal-isfruttament mistenni tar-riċerka favur l-iżvilupp, inkluż informazzjoni dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali iżda mingħajr ma tiġi meħtieġa l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

Or. ro

Emenda 1130
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) "Sustanzi kimiċi kritiċi" tfisser molekuli kimiċi li huma essenzjali għal teknoloġiji strateġiċi u ktajjen tal-valur u li jiddependu fuq provvisti minn pajjiż terz wieħed jew minn ftit fornituri biss, skont it-tifsira tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Industrija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi COM(2025) 530.

Or. ro

Emenda 1131
Julie Rechagneux, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "sħab ta' koinvestiment" tfisser investituri privati, inklużi investituri istituzzjonali, atturi ta' kapital ta' riskju u maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv, li: (a) jinvestu flimkien mal-Istrument InvestEU tal-FEK f'operazzjonijiet li jappoġġaw il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE; (b) jikkommettu għal imġiba ta' investiment allinjata mal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fit-tul, inklużi orjentament paċenzjuż tal-kapital u konformità mal-kundizzjonijiet tal-ħruġ u bejgħ mill-ġdid tal-assi appoġġati; (c) ikunu ġew rikonoxxuti mill-Kummissjoni, wara proċess ta' kwalifikazzjoni, bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-linji gwida għall-investiment imsemmija fl-Artikolu [X]; u li r-rikonoxximent tagħhom ma jikkostitwixxix l-inkarigu ta' kompiti baġitarji skont it-tifsira tal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509;

Or. en

Emenda 1132
Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Christophe Clergeau, Bruno Tobback, Pierre Jouvet, Raphaël Glucksmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Kompetittività tfisser il-kapaċità tal-Unjoni li żżid il-produttività tagħha, li trawwem l-innovazzjoni, li tikkompeti

b'suċċess fis-swieq globali, li ttejjeb il-ħiliet u toħloq impjiegi ta' kwalità fl-Unjoni biex issaħħaħ l-awtonomija strateġika u l-indipendenza tagħha, u li tiżgura r-reżiljenza tal-ekonomija tagħha kontra r-riskji għas-sigurtà, ġeopolitiċi, għas-saħħa, klimatiċi u ambjentali jew kwalunkwe xokk sistemiku ieħor, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi u allinjament mat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u mal-objettivi klimatiċi tal-Unjoni, u trawwem il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali;

Or. en

Emenda 1133
Giorgio Gori, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) (xx) "Trakka ta' Innovazzjoni Reġjonali, Territorjali u Urbana" tfisser parti ddedikata tal-programmi ta' ħidma li tappoġġa r-riċerka, l-ittestjar, id-dimostrazzjoni, l-akkwist u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi f'żoni reġjonali u territorjali, u urbani, permezz tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-aġenziji tal-enerġija tagħhom, il-fornituri tas-servizz pubbliku, l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-investituri u s-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 1134
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli, András Gyürk

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "dipendenzi strateġiċi" tfisser sitwazzjonijiet fejn jeżistu biss għażliet limitati ta' diversifikazzjoni jew sostituzzjoni u l-Unjoni tiddependi b'mod predominanti fuq pajjiż wieħed jew għadd żgħir ta' pajjiżi jew entitajiet barra mill-Unjoni għall-provvista ta' teknoloġiji kritiċi — inkluż fil-qasam diġitali — materja prima kritika, infrastruttura kritika jew ktajjen tal-provvista kritiċi li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà, is-sigurtà ekonomika, jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dipendenzi strateġiċi jenħtieġ li jiġu indirizzati primarjament permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi, tal-forniturі u tar-rotot, u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għal xokkijiet esterni. L-objettiv ġenerali għandu jkun li jittaffew id-dipendenzi eċċessivi filwaqt li jiġi evitat approċċ immirat lejn l-awtosuffiċjenza ekonomika, li la jkun realistiku u lanqas mixtieq f'ekonomija miftuħa u integrata globalment. Ir-referenza espliċita għall-qasam diġitali tirrifletti l-importanza dejjem tikber tal-ktajjen tal-provvista diġitali bħala sors ta' vulnerabbiltà strateġika.

Emenda 1135
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "infrastruttura kritika" tfisser assi, sistema jew parti minnhom li jinsabu fl-Istati Membri li hija essenzjali għaż-żamma ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà, is-saħħa, is-sigurtà, is-sikurezza, il-benesseri ekonomiku jew soċjali tal-poplu u li t-tfixkil jew il-qerda tagħhom ikollu impatt dirett jew indirett sinifikanti f'tal-inqas żewġ Stati Membri bħala riżultat tal-falliment li jinżammu dawk il-funzjonijiet;

Or. en

Emenda 1136
Bruno Tobback, Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Daniel Attard

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "Infrastruttura tat-teknoloġija" tfisser faċilitajiet, tagħmir, linji pilota, installazzjonijiet tal-ittestjar u tad-dimostrazzjoni, u servizzi assoċjati li jippermettu l-validazzjoni, l-ittestjar, l-espansjoni u l-użu prekummerċjali ta' teknoloġiji f'attivitajiet mhux ekonomiċi prekompetittivi, kif definit skont Orizzont Ewropa;

Or. en

Emenda 1137
Borys Budka, Danuše Nerudová, Davor Ivo Stier, Nikolina Brnjac, Karlo Ressler, Miriam Lexmann, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Iuliu Winkler, Loránt Vincze, Andrzej Halicki, Virgil-Daniel Popescu, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský, Siegfried Mureşan, Ioan-Rareş Bogdan, Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Adina Vălean, Romana Tomc, Radan Kanev, Eva Maydell, Eszter Lakos, Jan Farský, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Andrey Novakov, Ilia Lazarov, Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "applikanti b'inqas esperjenza" tfisser entitajiet ġuridiċi, u l-predeċessuri tagħhom, li, matul il-ħames snin ta' qabel l-iskadenza għas-sejħa, ma jkunux ingħataw finanzjament skont programm tal-Unjoni ġestit ċentralment jew ikunu ppreżentaw proposti eliġibbli mingħajr ma jkunu ntgħażlu għall-finanzjament.

Or. en

Emenda 1138
Laura Ballarín Cereza

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "Punti ta' kontroll", fil-kuntest tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, tfisser ekosistemi li jankraw partijiet essenzjali tal-katina tal-valur u, għalhekk, huma indispensabbli tul il-perkors mir-riċerka sal-iskalar, inkluż id-disinn, il-manifattura u l-użu ta' prodott.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Punt ta' kontroll huwa attività kummerċjali unika li l-atturi fil-katina tal-valur ma jistgħux jevitaw.

Emenda 1139
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "Setturi li għandhom riskji ogħla" tfisser setturi li għandhom riskji ogħla ta' sfruttament u abbuż tal-ħaddiema, bħall-kostruzzjoni, l-agrikoltura, l-ospitalità, ix-xogħol domestiku, it-trasport u l-loġistika, l-ipproċessar tal-laħam u tal-ikel, is-servizzi tat-tindif u x-xogħol ta' kura.

Or. en

Emenda 1140
Jana Nagyová

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "infrastruttura lineari" hija networks fiżiċi kontinwi fuq skala kbira li jestendu fuq distanzi twal f'forma predominantement lineari, li jippermettu l-moviment ta' oġġetti, persuni u enerġija bejn it-territorji.

Or. en

Emenda 1141
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Nikos Papandreou, Romana Jerković, Kristian Vigenin, Thomas Pellerin-Carlin, Vytenis Povilas Andriukaitis, Victor Negrescu, Estelle Ceulemans, Raphaël Glucksmann

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) "Saħħa Waħda" tfisser Saħħa Waħda kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Or. en

Emenda 1142
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21b) "reżiljenza" tfisser il-kapaċità tal-Unjoni li tiffaċċja sfidi fiżiċi, diġitali, u sfidi ekonomiċi, ta' sigurtà u ta' sigurtà ekonomika ibridi u li tadatta għal sfidi bħal dawn. Ir-reżiljenza hija sfida għas-soċjetà kollha kemm hi — teħtieġ kooperazzjoni mill-qrib bejn dawk li jfasslu l-politika, l-aġenziji tal-gvern, u l-

komunità tan-negozju. Ekonomija b'saħħitha u kompetittiva hija l-pilastru ta' Unjoni reżiljenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-reżiljenza trid tiġi definita b'mod espliċitu biex tkopri l-ispettru sħiħ ta' theddid modern, inklużi l-isfidi fiżiċi, diġitali u ibridi. Id-definizzjoni għandha tirrifletti wkoll id-dimensjoni soċjetali tar-reżiljenza u r-rwol essenzjali tal-komunità tan-negozju flimkien mal-atturi pubbliċi. Ekonomija b'saħħitha hija l-pedament indispensabbli ta' Unjoni reżiljenti

Emenda 1143
Giorgio Gori, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21b) (xy) "Ċentru ta' Innovazzjoni Reġjonali, Territorjali u Urbana" tfisser pjattaforma b'diversi atturi li tappoġġa ekosistema lokali u urbana (tal-innovazzjoni), inkluż l-iżvilupp ta' riżervi ta' proġetti, it-tlaqqigħ u l-aċċess iffaċilitat għall-infrastrutturi u l-finanzi;

Or. en

Emenda 1144
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21b) "impjieg ta' kwalità" tfisser impjieg li joffri impjieg stabbli, pagi adegwati, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin inklużi dispożizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza u, opportunitajiet tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ mill-ġdid u li huwa kopert min-negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 1145
Borys Budka, Eszter Lakos, Eva Maydell, Radan Kanev, Romana Tomc, Adina Vălean, Gheorghe Falcă, Daniel Buda, Ioan-Rareş Bogdan, Siegfried Mureşan, Tomáš Zdechovský, Inese Vaidere, Virgil-Daniel Popescu, Andrzej Halicki, Loránt Vincze, Iuliu Winkler, Mirosława Nykiel, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Miriam Lexmann, Karlo Ressler, Nikolina Brnjac, Davor Ivo Stier, Danuše Nerudová, Jan Farský, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Andrey Novakov, Ilia Lazarov, Sandra Kalniete

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21b) "applikanti għall-ewwel darba" tfisser entitajiet legali, u l-predeċessuri tagħhom, li, qabel l-iskadenza għas-sejħa, qatt ma jkunu ppreżentaw proposta fl-ambitu ta' programm tal-Unjoni ġestit ċentralment.

Or. en

Emenda 1146
Bruno Tobback, Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Daniel Attard, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21b) "Komunità ta' enerġija rinnovabbli" tfisser entità legali kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (16), tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Or. en

Emenda 1147
Bruno Tobback, Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Daniel Attard

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21c) "Ekosistema tal-innovazzjoni u industrijali" tfisser in-network ta' atturi interkonnessi tul katina tal-valur, inklużi kumpaniji ta' kull daqs, start-ups, fornituri, fornituri ta' servizzi, organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, is-soċjetà ċivili, investituri u awtoritajiet pubbliċi, li l-interazzjonijiet tagħhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp, il-produzzjoni, il-varar u l-espansjoni tat-teknoloġiji, tal-prodotti u tas-servizzi fis-Suq Uniku tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Innovation and industrial ecosystems have not been formally defined in any previous EU legislation. However the concept is clearly described in the "A New Industrial Strategy for Europe" (Com(2020)102) and further developed in the Communication Updating the 2020 New Industrial Strategy: Building a stronger Single Market for Europe's recovery (COM(2021)350). The ECF offers a unique opportunity to officially define and formalize the concept, building on the descriptions in the above mentioned communications and emphasizing their importance in the framework of industrial competitiveness which increasingly depends on networks of interconnected and various actors, interacting across value chains and across regions and Member States.

Emenda 1148
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21c) "Proġett Ewropew għad-Difiża ta' Interess Komuni" jew "EDPCI" tfisser proġett industrijali kollaborattiv stabbilit f'konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2025/2643;

Or. en

Emenda 1149
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21d) "Materja prima strateġika" u "materja prima kritika" jfissru l-materja prima elenkata rispettivament fl-Annessi I u II tar-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Or. en

Emenda 1150
Rihards Kols
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. "Kompetittività" tfisser il-kapaċità tal-kumpaniji u l-industriji Ewropej li jikkompetu b'suċċess fis-swieq globali filwaqt li jippreservaw is-sigurtà ekonomika, is-sovranità teknoloġika u r-reżiljenza tal-Unjoni; dan jirrikjedi kundizzjonijiet ekwi għall-industrija Ewropea meta mqabbla mal-kompetituri globali f'termini tal-kost tan-negozju, inkluż billi jsir aktar faċli li jsir investiment, jitnaqqsu u jiġu stabbilizzati l-kostijiet tal-enerġija fil-perkorsi kollha tad-dekarbonizzazzjoni, tissaħħaħ il-produttività, tingħata spinta lill-kapaċità innovattiva u industrijali, jiġu żgurati ktajjen tal-provvista u infrastruttura kritiċi, u jinżammu l-istat tad-dritt, l-istabbiltà interna u pożizzjoni ta' sigurtà kredibbli bħala prekundizzjonijiet għal investiment sostnut, li jwassal għal impjiegi ta' kwalità u tkabbir sostenibbli

madwar l-Unjoni kollha, b'mod partikolari f'reġjuni esposti għal riskji ogħla għas-sigurtà;

Or. en

Ġustifikazzjoni

A Regulation establishing a 'Competitiveness Fund' must define 'competitiveness' so as to enable a clear intervention logic, budgetary control and ex-post evaluation. The definition should reflect the components identified in the Draghi and Letta reports and the Competitiveness Compass: external market performance, the cost of doing business including stable energy costs, productivity, innovation and industrial capacity, and the resilience of supply chains and infrastructure. Reference to the rule of law and security as preconditions for sustained investment is consistent with Recital 2 and with Article 4(2) TEU.

Emenda 1151
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Definizzjoni ta' kompetittività
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "kompetittività" tfisser il-kapaċità tal-intrapriżi tal-Unjoni, b'mod partikolari l-atturi industrijali u l-ktajjen tal-valur Ewropej tagħhom, li jiżviluppaw, jipproduċu u jikkummerċjalizzaw merkanżija u servizzi fis-swieq globali f'livell ta' produttività, innovazzjoni u kosteffiċjenza komparabbli ma' dak tal-kompetituri internazzjonali ewlenin tagħhom jew ogħla minnu, filwaqt li jiżguraw ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1152
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi*** u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jrawwem l-espansjoni ta' setturi*** u teknoloġiji strateġiċi ***għas-sigurtà ekonomika u għall-iżvilupp ekonomiku f'konformità mal-limiti planetarji u 'l bogħod mill-fjuwils fossili, filwaqt li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni*** matul il-perkors tal-investiment***, biex jappoġġa d-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja, b'saħħitha u adattabbli, ħalli jsaħħaħ il-ktajjen tal-provvista Ewropej reżiljenti u diversifikati inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tal-SMEs, u b'hekk jagħti lok għall-kompetittività Ewropea, filwaqt li jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u territorjali. Il-FEK għandu jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni, u jiġi implimentat b'mod partikolari*** billi:

Or. en

Emenda 1153
Laura Ballarín Cereza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-objettiv*** ġenerali tal-FEK ***huwa*** li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. ***L-objettivi*** ġenerali tal-FEK ***huma*** li jżid il-kompetittività Ewropea***, filwaqt li jkompli jonora l-impenji favur id-dekarbonizzazzjoni industrijali u t-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn enerġija nadifa***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi ***kritiċi għall-kompetittività tal-UE*** matul il-perkors tal-investiment***, inkluż billi jappoġġa proġetti kollaborattivi bejn kumpaniji inklużi SMEs, negozji ġodda, kumpaniji akbar,***

awtoritajiet pubbliċi reġjonali, universitajiet, u organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija li javvanzaw dan l-għan billi:

Or. en

Ġustifikazzjoni

The green transition is the EU's strategic advantage for increased competitiveness, and the EU needs to stay on the course. Europe must continue to take action to support a sustainable industrial transition and create incentives that make it attractive for European companies to stay in Europe. Competitiveness is inherently territorial and economic development is often a regional competence. European regions are at the heart of the European Union's competitiveness, with their investments accounting for about two thirds of the increase in total public investments in the EU in 2023. They play a pivotal role in shaping the conditions for industries and businesses to thrive through land-use planning, infrastructure development, education, housing, research, training, and quality of life.

Emenda 1154
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-objettiv*** ġenerali tal-FEK ***huwa*** li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. ***L-objettivi*** ġenerali tal-FEK ***huma*** li jżid il-kompetittività Ewropea***, filwaqt li jkompli jonora l-impenji favur id-dekarbonizzazzjoni industrijali u t-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn enerġija nadifa***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi ***kritiċi għall-kompetittività tal-UE*** matul il-perkors tal-investiment***, inkluż billi jappoġġa proġetti kollaborattivi bejn kumpaniji inklużi SMEs, negozji żgħar, kumpaniji akbar, awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali, universitajiet, u organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija li javvanzaw dan l-għan,*** billi:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kompetittività hija intrinsikament territorjali u l-iżvilupp ekonomiku spiss ikun kompetenza reġjonali. Ir-reġjuni u l-bliet Ewropej huma fil-qalba tal-kompetittività tal-Unjoni u jaqdu rwol ċentrali fit-tiswir tal-kundizzjonijiet biex l-industriji u n-negozji jirnexxu. L-inklużjoni espliċita tal-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali tirrifletti din ir-realtà.

Emenda 1155
Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-objettiv*** ġenerali tal-FEK ***huwa*** li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. ***L-objettivi*** ġenerali tal-FEK ***huma*** li jżid il-kompetittività Ewropea***, filwaqt li jkompli jonora l-impenji li jinsabu fil-Patt Ekoloġiku Ewropew***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi ***kritiċi għall-kompetittività tal-UE*** matul il-perkors tal-investiment***, inkluż billi jappoġġa proġetti kollaborattivi bejn kumpaniji inklużi SMEs, negozji ġodda, kumpaniji akbar, awtoritajiet pubbliċi reġjonali, universitajiet, u organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija li javvanzaw dan l-għan*** billi:

Or. en

Emenda 1156
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Stine Bosse, Grégory Allione, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jżid*** il-kompetittività ***Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:***	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jtejjeb*** il-kompetittività ***u l-pożizzjoni ekonomika globali tal-Unjoni, isaħħaħ l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika tagħha sabiex jiżgura l-prosperità u r-reżiljenza tal-Unjoni kontra x-xokkijiet ekonomiċi, it-theddid***

ġeopolitiku u għas-sigurtà, u r-riskji klimatiċi u naturali.

1a. Il-FEK għandu javvanza l-kompetittività tal-Unjoni permezz tal-objettivi trasversali li ġejjin:

Or. en

Emenda 1157
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari*** f'setturi ***u teknoloġiji*** strateġiċi ***matul il-perkors tal-investiment*** billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jsaħħaħ l-avvanz u r-reżiljenza pubbliċi, soċjali, ekoloġiċi, industrijali u teknoloġiċi billi jiffinanzja u jappoġġa l-investiment pubbliku*** f'setturi ***ċivili*** strateġiċi***, l-infrastruttura pubblika, l-impjiegi ta' kwalità, il-parteċipazzjoni demokratika, u l-koeżjoni territorjali, filwaqt li jagħti prijorità lil proġetti b'valur miżjud ċar tal-Unjoni u interess pubbliku. Dan għandu jiksbu*** billi:

Or. en

Emenda 1158
Eszter Lakos, Paulius Saudargas, Davor Ivo Stier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment ***inkluż billi jappoġġa proġetti kollaborattivi bejn kumpaniji inklużi SMEs, negozji ġodda, u kumpaniji akbar, awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali, universitajiet, u***

organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija li javvanzaw dan l-għan billi:

Or. en

Emenda 1159
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea***, definita bħala l-kapaċità tal-Unjoni li żżid it-tkabbir tal-produttività u r-reżiljenza, billi jappoġġa investimenti b'potenzjal qawwi ta' innovazzjoni li jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni filwaqt li jindirizza l-fallimenti tas-suq u jipprovdi tmexxija teknoloġika***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:

Or. en

Emenda 1160
Elisabetta Gualmini, Martin Hojsík, Grégory Allione, Bart Groothuis, Morten Løkkegaard, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment***, inkluż billi jappoġġa proġetti kollaborattivi bejn kumpaniji inklużi SMEs, negozji ġodda, kumpaniji akbar, awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali, universitajiet, u organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija li javvanzaw dan l-għan*** billi:

Or. en

Emenda 1161
András Gyürk

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja
Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività ***Ewropea***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività***, il-produttività, ir-reżiljenza u s-sigurtà Ewropej permezz ta' bilanċ ġeografiku u parteċipazzjonijiet inklużivi tal-Istati Membri kollha u tal-partijiet ikkonċernati strateġiċi tagħhom fi ktajjen tal-valur strateġiċi***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi ***b'approċċ teknoloġikament newtrali*** matul il-perkors tal-investiment billi:

Or. en

Emenda 1162
Nicolás González Casares, Mohammed Chahim, Elena Sancho Murillo, Lina Gálvez, Yannis Maniatis, Thomas Pellerin-Carlin, Annalisa Corrado, Christophe Clergeau, Bruno Tobback, Niels Fuglsang

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jżid il-kompetittività Ewropea***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jsaħħaħ, iżid u jissalvagwardja l-kompetittività tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura allinjament sħiħ mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, jipprovdi standards ambjentali u tal-għajxien għoljin, protezzjoni u ġustizzja soċjali***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:

Or. en

Emenda 1163
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Yvan Verougstraete, Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment***, filwaqt li jiżgura allinjament sħiħ mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u jwassal għal standards u protezzjoni ambjentali għoljin,*** billi:

Or. en

Emenda 1164
Michał Kobosko, Martin Hojsík, Ivars Ijabs, Lucia Yar, Joanna Scheuring-Wielgus, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jżid*** il-kompetittività ***Ewropea***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jsaħħaħ*** il-kompetittività ***tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE, filwaqt li jappoġġa investimenti li jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:

Or. en

Emenda 1165
Mirosława Nykiel, Borys Budka, Adam Jarubas, Krzysztof Hetman, Kamila Gasiuk-Pihowicz

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jżid*** il-kompetittività ***Ewropea***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li ***jsaħħaħ*** il-kompetittività ***tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE, filwaqt li jappoġġa investimenti li jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:

Or. en

Emenda 1166
Barry Andrews, Yvan Verougstraete

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea ***billi jappoġġa l-innovazzjoni, il-produttività, ir-reżiljenza u d-diversifikazzjoni***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:

Or. en

Emenda 1167
Martin Hojsík, Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea ***u jaċċellera t-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima***, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:

Or. en

Emenda 1168
Jörgen Warborn, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari ***f'setturi u teknoloġiji*** strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:	1. L-objettiv ġenerali tal-FEK huwa li jżid il-kompetittività Ewropea, b'mod partikolari ***fis-setturi strateġiċi identifikati permezz tal-erba' oqsma ta' politika tal-FEK u fit-teknoloġiji*** strateġiċi matul il-perkors tal-investiment billi:

Or. sv

Emenda 1169
Jörgen Warborn, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) ikun l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ ta' investimenti soċjalment importanti fil-proċessi ta' żvilupp, implimentazzjoni u manifattura li huma tal-akbar sinifikat strateġiku għall-kompetittività u l-pożizzjoni globali tal-Unjoni;

Or. sv

Emenda 1170
Jörgen Warborn, Tomas Tobé

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt -aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(-aa) jappoġġa sforzi dejjiema ta' bini tal-kapaċità f'oqsma ta' kapaċità strateġika ta' importanza ewlenija għall-Unjoni kollha kemm hi;

Or. sv

Emenda 1171
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, ***inkluż*** billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali ***tagħhom***;	(a) ***f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika,*** iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, billi jiżviluppa***, jimplimenta, ixerred, jespandi u jikkumerċjalizza*** innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali ***ta' teknoloġiji bħal dawk definiti bħala teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1735, teknoloġiji strateġiċi skont ir-Regolament (UE) 2024/795, u soluzzjonijiet tranżizzjonali kif definiti fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852***;

Or. en

Emenda 1172
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Grégory Allione, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Barry Andrews, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) ***iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż*** billi ***jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;***	(a) ***iżid il-produttività u l-innovazzjoni, b'mod partikolari***billi ***(i) jallinja r-riċerka, l-innovazzjoni u l-politika industrijali biex l-eċċellenza fir-riċerka tal-Unjoni tissarraf f'saħħa industrijali fis-swieq globali*** ***(ii) jiżviluppa u jaċċellera l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji sostenibbli emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi*** ***(iii) jindirizza n-nuqqas ta' ħiliet f'setturi strateġiċi u teknoloġiji emerġenti futuri u jappoġġa l-ħiliet intraprenditorjali u kummerċjali***

Or. en

Emenda 1173
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;	(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom ***u permezz tal-implimentazzjoni, ir-replikazzjoni u l-integrazzjoni fuq skala kbira fil-ktajjen tal-valur Ewropej ta'***

teknoloġiji maturi u kważi kummerċjali;

Or. en

Emenda 1174
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni***, inkluż*** billi ***jiżviluppa*** innovazzjoni fixkiela u inkrementali***, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi*** b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, ***inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom***;	(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku***, soċjali*** u ambjentali ***pożittiv*** mill-investimenti tal-Unjoni billi ***jappoġġa d-dimostrazzjoni fuq skala sħiħa, l-espansjoni u l-manifattura fuq skala kbira ta'*** innovazzjoni fixkiela u inkrementali b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, ***inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u teknoloġiji b'użu doppju, b'enfasi fuq teknoloġiji emerġenti u mill-aktar avvanzati li jirriżultaw minn riċerka eċċellenti appoġġata fl-ambitu tal-Programm Qafas***;

Or. en

Emenda 1175
Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, ***inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom***;	(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju***,*** u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, ***inklużi proċessi u teknoloġiji avvanzati tal-manifattura, materjali avvanzati, teknoloġiji kwantistiċi, intelliġenza artifiċjali,***

soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà, u teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli;

Or. en

Emenda 1176
Christophe Clergeau, Jean-Marc Germain, Romana Jerković, Kristian Vigenin, Thomas Pellerin-Carlin, Vytenis Povilas Andriukaitis

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;	(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom ***kif ukoll billi jiżgura aċċess ekwu għal dawk it-teknoloġiji strateġiċi madwar l-Unjoni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi mill-ġdid l-emendi adottati fl-opinjoni tal-Kumitat SANT.

Emenda 1177
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati,	(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati,

b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;	b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom ***fil-livell tal-UE***;

Or. ro

Emenda 1178
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati***, b'użu doppju*** u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;	(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku***, soċjali*** u ambjentali mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku ***u soċjetali*** sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;

Or. en

Emenda 1179
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku, ekonomiku ***u ambjentali*** mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;	(a) iwassal impatt teknoloġiku, ***industrijali u*** ekonomiku mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;

Or. en

Emenda 1180
Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku**,** ekonomiku ***u ambjentali*** mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;	(a) iwassal impatt teknoloġiku ***u*** ekonomiku mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;

Or. en

Emenda 1181
Christian Ehler, Oliver Schenk, Matej Tonin, Adina Vălean, Pilar del Castillo Vera, Hildegard Bentele, Angelika Niebler, Eszter Lakos, Wouter Beke, Radan Kanev, Susana Solís Pérez, Virgil-Daniel Popescu, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iwassal impatt teknoloġiku**,** ekonomiku ***u ambjentali*** mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;	(a) iwassal impatt teknoloġiku ***u*** ekonomiku mill-investimenti tal-Unjoni, inkluż billi jiżviluppa innovazzjoni fixkiela u inkrementali, u teknoloġiji emerġenti, mill-aktar avvanzati, b'użu doppju u strateġiċi b'potenzjal ekonomiku sinifikanti, inkluż billi jiżviluppa u jaċċellera l-manifattura u l-implimentazzjoni industrijali tagħhom;

Or. en

Emenda 1182
Krzysztof Hetman, Adam Jarubas, Borys Budka, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jinvolvi u jgħaqqad il-potenzjal sħiħ tal-kompetittività fl-Unjoni billi tiġi promossa l-kollaborazzjoni pan-UE u l-parteċipazzjoni inklużiva tal-Istati Membri fi ktajjen ta' valur industrijali strateġiċi;

Or. en

Emenda 1183
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Klara Dostalova, Afroditi Latinopoulou, Anna Bryłka

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jinvolvi u jgħaqqad il-potenzjal sħiħ tal-kompetittività fl-Unjoni billi tiġi promossa l-kollaborazzjoni pan-UE u l-parteċipazzjoni inklużiva tal-Istati Membri fi ktajjen ta' valur industrijali strateġiċi;

Or. en

Emenda 1184
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jinvolvi u jgħaqqad il-potenzjal sħiħ tal-kompetittività fl-Unjoni billi tiġi

promossa l-kollaborazzjoni pan-UE u l-parteċipazzjoni inklużiva tal-Istati Membri fi ktajjen ta' valur industrijali strateġiċi;

Or. en

Emenda 1185
Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jinvolvi u jgħaqqad il-potenzjal sħiħ tal-kompetittività fl-Unjoni billi tiġi promossa l-kollaborazzjoni pan-UE u l-parteċipazzjoni inklużiva tal-Istati Membri fi ktajjen ta' valur industrijali strateġiċi;

Or. en

Emenda 1186
Michał Kobosko, Martin Hojsík, Ivars Ijabs, Lucia Yar, Joanna Scheuring-Wielgus, Krzysztof Śmiszek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jinvolvi u jgħaqqad il-potenzjal sħiħ tal-kompetittività fl-Unjoni billi tiġi promossa l-kollaborazzjoni pan-UE u l-parteċipazzjoni inklużiva tal-Istati Membri fi ktajjen ta' valur industrijali strateġiċi;

Or. en

Emenda 1187
Mohammed Chahim, Sérgio Gonçalves

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ ***għaż-żieda fil-produzzjoni*** Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza***,*** u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, ***it-tnaqqis tal-esponiment tal-Unjoni għad-dipendenzi fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili,*** l-appoġġ ***biex tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-fjuwils sostenibbli (kif definit fir-Regolament (UE) 2023/1804, fir-Regolament (UE) 2023/1805, fir-Regolament (UE) 2023/2405 u fid-Direttiva (UE) 2023/2413) fl-UE, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura, l-appoġġ biex tiżdied il-produzzjoni*** Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda kienet parti mill-Emendi ta' Kompromess innegozjati fil-kuntest tal-Opinjoni tal-Kumitat TRAN.

Emenda 1188
Bruno Tobback, Thomas Pellerin-Carlin, Yannis Maniatis, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz ***tad-diversifikazzjoni*** tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz ***tal-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenzi fuq il-fjuwils fossili u d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tagħna, it-titjib tal-effiċjenza***

ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	***fir-riżorsi u t-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari, id-diversifikazzjoni*** tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji ***u materjali*** strateġiċi***, l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli,*** u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1189
Benedetta Scuderi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas ***jew*** jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni***, u jsaħħaħ ir-reżiljenza*** u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz ***tad-diversifikazzjoni*** tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ***ta' teknoloġiji*** strateġiċi ***u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***;	(b) inaqqas ***u*** jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni ***fuq ir-riżorsi naturali u s-sustanzi ta' ħassib inkluż permezz taċ-ċirkolarità u l-effiċjenza fir-riżorsi, u t-tisħiħ tar-reżiljenza*** u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż ***minn riskji relatati mal-klima u man-natura, inkluż*** permezz ***tal-kumulazzjoni ta' riżervi u d-diversifikazzjoni*** tas-sorsi u s-swieq ***u l-approfondiment tal-involviment tal-SMEs u tal-SMCs fi ktajjen tal-valur strateġiċi industrijali pan-Ewropej***, ***u*** l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ***kritika għat-teknoloġiji*** strateġiċi;

Or. en

Emenda 1190
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-

dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***, l-investiment immirat fuq inputs agrikoli ewlenin u l-indirizzar tal-konġestjonijiet fil-katina tal-provvista bil-loġistika, l-infrastruttura strateġika tal-ikel/tal-enerġija u l-inputs kritiċi għall-agrikoltura***;

Or. en

Emenda 1191
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi ***u s-swieq***, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi***, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili u t-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi***, ***l-iżgurar tal-kontroll demokratiku fuq l-infrastruttura u s-servizzi essenzjali, l-investimenti pubbliċi diretti u*** l-appoġġ ***kundizzjonali*** għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1192
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Stine Bosse, Grégory Allione, Sigrid Friis, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni***, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u*** s-sigurtà ***ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;***	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni ***u l-konċentrazzjoni tal-fornituri b'mod partikolari biex jiżgura*** s-sigurtà ***tal-provvista, inkluża l-provvista tal-enerġija, billi***
	(i) jiżgura l-kapaċità tal-manifattura u tal-produzzjoni, speċjalment f'setturi strateġiċi, fl-Unjoni
	(ii) isaħħaħ u jipproteġi l-ktajjen tal-valur kritiċi tal-Unjoni
	(iii) itejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi u ċ-ċirkolarità
	(iv) jiddiversifika s-sorsi u s-swieq;

Or. en

Emenda 1193
Yannis Maniatis

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***, inklużi l-ktajjen tal-provvista agroalimentari u l-inputs agrikoli***

strateġiċi għas-sigurtà tal-ikel, inkluż ktajjen tal-provvista agroalimentari u inputs agrikoli kritiċi essenzjali għas-sigurtà tal-ikel u għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1194
Jüri Ratas, Riho Terras, Tobias Cremer, Sven Mikser

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***, inkluż kontra theddidiet emerġenti dejjem akbar kemm ta' natura ibrida kif ukoll ta' natura kinetika u l-istrumentalizzazzjoni tad-dipendenzi***;

Or. en

Emenda 1195
Radan Kanev, Miriam Lexmann, Paulius Saudargas, Eszter Lakos

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni

Ewropea ta’ teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta’ ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	Ewropea ta’ teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta’ ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***, filwaqt li jippromwovi l-kollaborazzjoni madwar l-UE u l-parteċipazzjoni inklużiva tal-Istati Membri fil-ktajjen ta’ valur industrijali strateġiċi***;

Or. en

Emenda 1196
Niels Flemming Hansen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta’ teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta’ ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, ***it-tnaqqis tal-esponiment tal-Unjoni għad-dipendenzi mill-importazzjoni tal-fjuwils fossili, it-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi u ċ-ċirkolarità,*** l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta’ teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta’ ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1197
Jan Farský, Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni***, b’mod partikolari fuq pajjiżi mhux demokratiċi***, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà

diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq ***bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab fdati***, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1198
Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Cristina Maestre, Maria Grapini, Giorgio Gori, Claire Fita, Eric Sargiacomo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***, inklużi l-ktajjen tal-provvista agroalimentari u l-inputs agrikoli strateġiċi għas-sigurtà tal-ikel***;

Or. en

Emenda 1199
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-

diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni ***inklużi l-ktajjen tal-provvista agroalimentari u l-inputs agrikoli strateġiċi għas-sigurtà tal-ikel***;

Or. en

Emenda 1200
Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, ***l-eliminazzjoni gradwali tal-ffuwils fossili,*** l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***, inkluż mill-impatti tat-tibdil fil-klima***;

Or. en

Emenda 1201
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-

appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur ***u infrastruttura*** kritiċi tal-Unjoni;	appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur kritiċi tal-Unjoni***, b'mod partikolari l-punti ta' kontroll attwali u potenzjali tagħhom, u l-infrastruttura***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk l-Ewropa tixtieq tnaqqas id-dipendenzi tagħha u ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha, trid tingħata attenzjoni speċifika lill-"punti ta' kontroll" fl-ekosistemi tal-innovazzjoni, il-punti kruċjali fil-proċess tat-tfassil u tal-produzzjoni li mingħajrhom ma jistgħux jintlaħqu l-objettivi strateġiċi.

Emenda 1202
Laura Ballarín Cereza

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur ***u infrastruttura*** kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur kritiċi tal-Unjoni ***u l-punti ta' kontroll attwali u potenzjali tagħhom, u l-infrastruttura***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk l-Ewropa tixtieq tnaqqas id-dipendenzi tagħha u ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha, l-ekosistemi tal-innovazzjoni fejn jinsabu l-hekk imsejħa "punti ta' kontroll" fil-perkors tal-investiment huma parti vitali f'dan ir-rigward. Dawn huma l-punti vitali fil-proċess tad-disinn u tal-produzzjoni li mingħajrhom ma nistgħux nilħqu l-mira. Hija meħtieġa attenzjoni speċifika għal dawn il-punti ta' kontroll.

Emenda 1203
Paulo Cunha, Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, ***inkluż*** permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, ***inklużi s-sigurtà tal-ikel u s-sigurtà tal-ilma, b'mod partikolari*** permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1204
Letizia Moratti, Massimiliano Salini, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***,*** ***kif ukoll it-tisħiħ tas-sigurtà tal-ikel***;

Or. en

Emenda 1205
Nicola Procaccini, Carlo Fidanza, Alessandro Ciriani, Elena Donazzan, Pietro Fiocchi, Lara Magoni, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni;	(b) inaqqas jew jipprevjeni d-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni, u jsaħħaħ ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni, inkluż permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi u s-swieq, l-appoġġ għaż-żieda fil-produzzjoni Ewropea ta' teknoloġiji strateġiċi u l-ħolqien, it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' ktajjen tal-valur u infrastruttura kritiċi tal-Unjoni***, inkluż għas-sigurtà tal-ikel***;

Or. en

Emenda 1206
Nicolás González Casares, Mohammed Chahim, Elena Sancho Murillo, Lina Gálvez, Yannis Maniatis, Thomas Pellerin-Carlin, Annalisa Corrado, Christophe Clergeau, Bruno Tobback, Sofie Eriksson, Niels Fuglsang

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) (ġdid) jikkontribwixxi għall-bidla favur ekonomija kompetittiva, sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, tal-ilma u tar-riżorsi, ibbażata fuq sorsi rinnovabbli, newtrali għall-klima u reżiljenti

Or. en

Emenda 1207
Yvan Verougstraete, Brigitte van den Berg, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(c) jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment***, inkluż billi jattira kapital privat u investituri istituzzjonali kif ukoll finanzjament pubbliku b'mod proporzjonat, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni u mingħajr l-evizzjoni tal-investituri privati; iservi bħala pjattaforma integrata għat-twassil ta' appoġġ finanzjarju mmirat lill-kumpaniji start-ups, scale-ups, u kumpaniji strateġiċi fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp, inklużi dawk li jsegwu b'mod attiv il-varar tal-manifattura, industrijali u tas-suq;***	(c) jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment

Or. en

Emenda 1208
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Klara Dostalova, Afroditi Latinopoulou, Anna Bryłka

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment***, inkluż billi jattira kapital privat u investituri istituzzjonali kif ukoll finanzjament pubbliku b'mod proporzjonat, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni u mingħajr l-evizzjoni tal-investituri privati***; ***iservi bħala pjattaforma integrata għat-twassil ta' appoġġ finanzjarju mmirat lill-kumpaniji start-ups, scale-ups, u kumpaniji strateġiċi fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp, inklużi dawk li jsegwu b'mod attiv il-varar tal-manifattura, industrijali u tas-suq;***	(c) jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment ***madwar l-UE***;

Or. en

Emenda 1209
Marc Botenga

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
